GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR250556 | 04.04.2025 | 5 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Il-Parlament jospita s-sessjoni finali tal-Young Parliamentarians 2025***

"Għożżu l-lingwa u l-kultura Maltija. Dan hu li jagħmilna uniċi bħala Maltin u Għawdxin." Dan kien il-messaġġ li wassal id-Deputat Speaker David Agius fid-diskors tiegħu fil-finali tas-sitt edizzjoni tal-attività Young Parliamentarians #ejjewniddibattu, fejn il-Parlament ospita dan l-avveniment għat-tielet sena konsekuttiva. Dan il-programm huwa mmexxi mill-Aġenzija Żgħażagħ bl-għan li jagħti ċans liż-żgħażagħ jagħmlu esperjenza hands-on tas-sistema demokratika u leġiżlattiva ta' pajjiżna. Fl-edizzjoni ta' din is-sena kien hemm mal-160 żagħżugħ u żagħżugħa minn 23 skola li ngħataw taħriġ mill-Aġenzija Żgħażagħ sabiex ikunu ppreparati biex jitħaddtu u jiddiskutu fil-pubbliku, jippreżentaw l-ideat tagħhom, jiktbu r-rakkomandazzjonijiet, jiddibattu u jirribattu.

Waqt id-diskors tiegħu, id-Deputat Speaker irrimarka li programmi bħal Young Parliamentarians jgħinu sabiex iż-żgħażagħ ikollhom edukazzjoni aktar wiesgħa li ser isibu utli 'l quddiem f'ħajjithom, tkun xi tkun it-triq li huma jaqbdu. Huwa qal ukoll li bħala attività ekstrakurrikulari, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ tirrikjedi impenn kbir mill-parteċipanti, iżda dan ser jgħinhom jakkwistaw il-ħiliet li se jkollhom bżonn għall-futur tagħhom.

Iż-żewġ skejjel li għaddew għall-finali ddiskutew il-mozzjoni. Il-Kamra tirrakkomanda li l-Lingwa tas-Sinjali Maltija tkun suġġett obbligatorju fl-iskejjel primarji u sekondarji, fejn l-iskola Sekondarja Marija Immakulata, Ħamrun, kellha targumenta favur il-mozzjoni, u l-Konservatorju tal-Isqof, Skola Sekondarja Bniet, Rabat Għawdex, kellha targumenta kontra l-mozzjoni, bl-iskola tal-ewwel tirbaħ din l-edizzjoni.

Fi tmiem l-attività ġew ippreżentati ċertifikati lill-iskejjel li waslu sas-semifinali, trofew lill-aħjar żewġ kelliema, ċertifikati lir-runners up, u trofew u ċertifikati u rigali oħrajn lir-rebbieħa.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Keith Azzopardi Tanti, u l-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Kura Primarja u s-Saħħa Mentali Ian Vassallo Hagi, indirizzaw ukoll din is-sessjoni.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt
www.doi.gov.mt